**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A35a-09

25 ta' Settembru 2009

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/35a**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-**Tlieta 29 ta'Settembru 2009, fil-5.30 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira minħabba li l-laqgħa msejjħa għall-Ħamis 24 ta' Settembru 2009, ma saritx għaliex ma kienx hemm kworum.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. Diskussjoni u Approvazzjoni għall-Ħruġ ta' *Expression of Interest* għall-*Crafts & Activities Co-Ordinator*
6. Approvazzjoni ta' *Financial Statements*
7. Affarijiet Oħra
8. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dott. Chris Bonett B.A. LL.D
Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

25 t' Awwissu 2009

Ref Nru.Klg5/032

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/32 li saret it-Tlieta 4 t' Awwissu 2009.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fil-5.30 p.m.

Preżenti

Ħames membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri, u Victor Rutter flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati**

Il-Kunsillieri Malcolm Camilleri minħabba mpenn ta' xogħol u Ian Micallef minħabba li kien imsiefer.

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-31 ta' Lulju 2009 peress li dak li ħareġ fit-28 ta' Lulju 2009 ġie *superseded* minħabba l-fatt, li l-laqgħa li kellha ssir fit-30 ta' Lulju 2009 ma saritx, għax ma kienx hemm kworum.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2009, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**l.2.** Minħabba li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**2. Materji Konnessi**

**2.1. Paġna 2 para 2.2. – *Activities Centre* –** Il-Viċi-Sindku qal, li l-lezzjonijiet kemm tal-*Computer* kif ukoll, tal-Malti kienu bdew u l-konkorenza kienet tajba. Huwa qal ukoll, li nhar ta' Sibt bejn l-4.00 u s-6.00 p.m. ser jibda jiltaqa' Il-Kor tal-Knisja Parrokkjali.

**2.2. Paġna 3 para 2.4.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li x-xogħol fil-ġnien kien fi stat avvanzat u li l-apparat dwar *outside fitness equipment* kien wasal.

**2.3.** Il-Kunsillier Anthony Abela qal, li dak in-nhar stess jiġifieri l-4 t'Awwissu 2009, kellu jiltaqa' ma' rappreżentant tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma, l-kuntrattur u l-Perit tiegħu u rappreżentatnti mill-N.I.D. iżda għat-tieni darba ħadd ma ġie għall-laqgħa u ħadd ma avvża.

Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kunsill għandu jibgħat *e-mail* ta' diżapprovazzjoni għal din l-attitudni u x'azzjoni ser tittieħed biex din il-materja tiġi ndirizzata.

L-istess Kunsillier għamel referenza għax-xogħlijiet ta' *patching* partikularment għal dak li sar fi Triq Maria Tereza Spinelli, li d-ditta Polidano Bros. għandha tagħmel ir-*reinstatement* bil-*hot asphalt* ġa la darba ix-xogħlijiet tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma kienu tlestew u din id-ditta kienet diġa tħallset għal dan ix-xogħol.

**2.4. Paġna 3 para 2.6.** – Triq Cameron – Iċ-*Chairman* qal, li x-xogħol f'din it-triq li sar mid-ditta *Road Manintenance Services Ltd* kif kien ġie rrakkomandat fil-laqgħa preċedenti kien tlesta u skont ir-rapport tal-Perit dan ġie ċċertifikat li sar skont l-ispeċifikazzjonijiet.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jitħallas l-ammont ta' €1,114.55 lid-ditta *Road Maintenance Services Ltd*.

**2.5. Paġna 4 para 2.10 –** Iċ-*Chairman* informa li sa dak in-nhar tal-laqgħa l-Kunsill ma kien irċieva ebda deċiżjoni mill-Bord ta' Appell dwar it-*tender* tal-*platform lift* tad-ditta Elmein.

**2.6. Paġna 8 – para 7** Il-Viċi-Sindku qal, li kien kellem lill-Kap ta' l-iskola Sekondarja u dan minn naħa tiegħu kien kellem lil Ms Maria Ciappara – *Principal* Kulleġġ Santa Klara li kienet favur li l-Kunsill jaħtar Kumitat biex jesplora l-aħjar użu tal-faċilitajiet skolastiċi. Huwa kompla jgħid, li mill-*feedback* li kien beda jagħmel jirriżulta, li attivitajiet li jsiru wara l-ħin ta' l-iskola, jaqgħu taħt il-Kunsill Malti ta' l-Isport u għalhekk irid isir kuntatt ma' dan il-Kunsill.

Huwa qal ukoll, li kien kellem lill-President tal-*Gżira United Football Club*, is-Sur Tyrone Demanuele fejn dan ta' l-aħħar infurmah, li fl-10 t'Awwissu 2009, kien ser ikollhom laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għaż-Żagħżagħ u Sport, l-Onor. Clyde Puli u l-Kap tas-Segretarjat Parlamentari tiegħu, Sur Angelito Sciberras li kien ukoll il-Kap tal-Kunsill Malti ta' l-Isport u għalhekk stiednu lis-Sindku sabiex jattendi magħhom. Huwa żied jgħid, li jidher li għalkemm fir-riforma tal-Kunsilli Lokali, qed jintalab li l-*open spaces* għandhom jaqgħu taħt il-Kunsilli Lokali madanakollu, s'issa dawn għadhom taħt ir-responsabbilita' ta' Segretarjat Parlamentari ieħor.

## 3. Korrispondenza

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sa l-4 t'Awwissu 2009 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li ntbagħtu fosthom,

**3.3.** Il-Kunsill qabel unanimament li l-parteċipant Adrian Borg jissellef il-bandiera tal-Kunsill Lokali għall-attivita' li kienet ser issir minn *Glamorous Entertainment* fit-8 t'Awwissu 2009.

**3.4.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter sabiex jinxtraw żewġ kopji tal-ktieb *'The Industrial Revolution of Malta'* miktub mis-Sur Paul Vella, resident Gżirjan għall-prezz ta' €25 –il wieħed.

**3.5.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri sabiex jinxtara r-raba' u l-aħħar volum tas-saga Suwed Ulied il-Lejl – Jason għall-prezz ta' €9.30.

**3.6.** Ġie deċiż li s-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Anthony Abela, Joe Camilleri, Ian Micallef u Victor Rutter flimkien mad-D/Segretarju Eżekuttiv kellhom jattendu għall-laqgħa ma' l-Onor Chris Said ġewwa Kastilja, l-Ġimgħa 7 t'Awwissu 2009 fl-10.30 a.m.

Il-Kunsillier Malcolm Camilleri ma setgħax jattendi minħabba mpenn ta' xogħol.

Is-Segretarju Eżekuttiv ma kienitx ser tattendi għal din il-laqgħa minħabba li fl-istess ġurnata u ħin kienet ser tattendi laqgħa msejjħa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali, fil-Kunsill Lokali ta' Birkirkara sabiex jibdew jingħataw *briefings* rigward id-dokument il-ġdid dwar is-Sejħa għall-Offerti tal-ġbir ta' skart organiku.

**3.7.** Il-*Malta Maritime Authority* bagħtet tirringrazzja permezz ta' *e-mail* għall-kummenti, osservazzjonijiet u opinjonijiet li ntbagħtu mill-Kunsill sabiex seta' jsir rapport dwar *'Development of Yachting Facilities in Malta'*

**3.8.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li b'eżitu ta' ftehim milħuq fil-laqgħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2009 u li għaliha kienu attendew is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien ma' l-Avukat Dott. Woods għan-nom tal-Kunsill u s-Sur Michael Stivala għan-nom ta' C. Stivala & Sons Ltd rigward ittra uffiċjali li l-Kunsill kien irċieva mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma dwar kont pendenti tas-sit 123 Triq Cameron Gżira, s-Sur Stivala kien għamel kuntatt mal-Korporazzjoni hawn fuq imsemmija fejn irriżulta li l-ammont dovut kien għall-perjodu ta' wara li ġie ffirmat il-kuntratt. Għalhekk, is-Sur Stivala ħallas kemm l-ammont pendenti kif ukoll, għamel l-applikazzjoni ta' *change of consumer*. Din l-informazzjoni ntbagħtet lilll-Avukat tal-Kunsill sabiex kif ġie deċiż fl-istess laqgħa, jissottometti *joint reply* għal din l-ittra uffiċjali.

**3.9.** Rigward ħofra perikoluża li żviluppat quddiem il-*Kennedy Nova Hotel* fix-Xatt, is-Segretarju Eżekuttiv tat dan ir-rendikont:

i. Sar *site meeting* mill-Kunsillier Anthony Abela u s-Sur George Cardona fejn irriżulta li din kienet fir-rotta tax-xogħlijiet li kienu saru mill-kuntrattur għan-nom tad-ditta GO. Għalhekk, hi għamlet kuntatt mal-kuntrattur Steve Cini u ġie stabbilit *site meeting* ieħor bejn il-kuntrattur u George Cardona.

ii B'eżitu tat-tieni *site meeting*, il-Kunsill ġie nfurmat permezz ta' rapport datat 23 ta' Lulju 2009, li għalkemm ma jidhirx li hu relatat max-xogħlijiet tal-GO u lanqas fir-rapport ma ġiex stabbilit l-għan ta' din il-ħofra li madanakollu tidher il hi storm water pit/excess pit, il-kuntrattur intalab biex jgħattiha u jagħti stima biex jiġi rranġat dan ix-xogħol liema speċifikazzjonijiet għal din l-istima ngħataw ukoll, fir-rapport hawn fuq imsemmi. Il-Kuntrattur kien informa li, l-ispiża kienet ta' €800 inkluż il-VAT.

F’dan l-istadju, s-Segretarju Eżekuttiv qalet, li dan il-kuntrattur kien ġie msejjaħ minħabba l-fatt, li l-Kunsill kien infurmat li din il-ħofra żviluppat minħabba x-xogħlijiet tal-GO u għalhekk la darba r-rapport mhux qed jikkonferma dan, il-Kunsill seta’ jinnomina kuntratturi oħra.

Intervjena ukoll il-Kunsillier Anthony Abela u qal, li hu ma kienx konvint mir-rapport tal-Perit għax kien għadu ta’ l-opinjoni, li dan kien marbut max-xogħlijiet tal-GO.

Għaldaqstant, wara din id-diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament b’mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li

i dan ix-xogħol isir

ii ġa la darba il-Kunsill għad m’għandux kuntrattur għal dan it-tip ta’ xogħġol, in-nefqa tista’ tingħata b’*direct order,* ix-xogħlijiet isiru mill-kuntrattur hawn fuq imsemmi għan-nefqa ta’ €800 inkluż il-VAT.

iii invista tal-punt mressaq mill-Kunsillier Anthony Abela, għandu jerġa jsir *site meeting* ieħor li għalih ikun preżenti l-Kunsillier Anthony Abela għan-nom tal-Kunsill, flimkien mal-kuntrattur Steve Cini u Goerge Cardona sabiex jiġi stabbilit kif żviluppat din il-ħofra.

**3.10.** Inqrat Memo 46/2009 – Ftuħ ta’ l-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsilli Nhar ta’ Sibt (ara *Appendix* Nru: 1)

Matul id-diskussjoni li saret, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li

i kemm hi kif ukoll, l-impjegati Marion Monaco u Fabian Borg ma kienux ser jidħlu s-Sibt

ii l-Kunsill irid jinforma lid-Dipartimet għall-Gvern Lokali b’din id-deċiżjoni bil-miktub sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 25 ta’ Settembru 2009, liema deċiżjoni tiġi riveduta wara sena.

iii Kemm nies iridu jiġu mpjegati liema nies, iridu jkunu mill-*ETC*

iv kull deċiżjoni sew fl-affermattiv kif ukoll, fin-negattiv ta’ l-impjegati u tas-Segretarju Eżekuttiv għandha tingħata bil-miktub sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 25 ta’ Settembru 2009.

Hi kompliet tgħid, li fl-opinjoni tagħha is-Sibtijiet, is-servizz lill-pubbliku għandu jingħata mis-sala tal-komunita’

Wara din id-diskussjoni ġie deċiż, li din il-materja għandha tigi diskussa waqt il-laqgħa li għandha ssir ma' l-Onor. Chris Said fis-7 t'Awwissu 2009.

**3.11.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat, li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 1268 sa Nru. 1334 (ara *Appendix* Nru.2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni rigward ir-*Request Sheets* minn Nru: 1318 sa Nru: 1321 *Joe Bugeja & Associates* li *R/Sheet* Nru: 1319 l-Kunsill m'għandux iħallas għall-*breakdown* tal-ħlas tal-*Housing Estate* li kienet preparat hi lill-Perit u lanqas *Contract Management fees* u s-*site visits* fuq xogħol relatat ma' l-*embellishment* tal-Ġnien m'għandhomx jiġu nklużi fil-kontijiet. Ghalhekk, fl-opinjoni tagħha dawn għandhom jiġu riveduti mal-Perit qabel jitħallsu.

**4.3.** Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni

- Gauci Borda & Co. Ltd – *Shackles/Rings* - €25.38
- *Road Maintenance Serv. Ltd.* – xogħol li sar fi Triq Cameron - €1,114.55
- Polidano Bros. on a/c – xogħlijiet fil-ġnien €39,735.44

**4.4.** Wara diskussjoni qasira, r-*Request Sheets* minn Nru: 1268 sa Nru: 1334 inkluż il-ħlas imsemmi f'paragrafu **4.3.** ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela minbarra r-*Request Sheets* minn Nru: 1318 sa Nru: 1321 Joe Bugeja & Associates sabiex jiġu riveduti mal-Perit.

## 5. Approvazzjoni ta' Kwotazzjonijiet tal-*Magazine* tal-Kunsill

Rigward is-suġġett hawn fuq sopraċitat, is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li fis-6 ta' Lulju 2009, kienet bagħtet kwotazzjoni lill ħmistax –il ditta. Minn dawn, tnejn biss kkwotaw li kienu: (ara *Appendix* Nru: 3)

| TAL Agency | Media Graphic Serv. Ltd. |
|---|---|
| *4000 copies* | *3500 copies* |
| *minimum 16 pages* | *24 pages* |
| *€649 for each issue published* | *Self Financing* |
| | *one year contract* |

Iċ-*Chairman* ta' rendikont tal-laqgħa li kellu ma' *TAL Agency* fil-25 ta' Ġunju 2009 u ma' *Media Graphics Serv. Ltd* fit-23 ta' Lulju 2009. Huwa kompla jgħid, li wara li evalwa ż-żewġ laqgħat, fl-opinjoni tiegħu kien qed jirrakkomanda lill-*Media Graphic Serv. Ltd* minħabba li hi *self financing* u għalhekk, mhux ser tkun *burden* fuq il-Kunsill. Huwa qal ukoll, li ż-żewġ ditti nfurmaw li t-tqassim tal-*magazine* irid isir mill-Kunsill.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter li tintagħżel id-ditta *Media Graphic Services Ltd.*

Il-Kunsillier Joe Camilleri kkummenta li kien hemm *provision* fil-*budget* għall-*layout and design* tal-*magazine*.

Iċ-*Chairman* qal, li filwaqt li kien qed jikkonferma dak li qal il-Kunsillier Joe Camilleri madanakollu, fil-każ ta' wieħed mis-sottomettenti, din ma tapplikax għax huwa *self financing* u l-persuna li kien joffri dan is-servizz, kien siefer.

**6. Diskussjoni dwar *Parking* għar-Residenti**

**6.1.** Matul id-diskussjoni li saret dwar is-suġġett hawn fuq imsemmi, fejn fost affarijiet oħra intqal li:

- minħabba l-fatt, li l-Kunsilli tal-madwar għandhom din is-sistema, l-aktar *spillover* f'din il-lokalita' kien minn naħa ta' Ta' Xbiex.
- l-problema li ser jiffaċċjaw l-impjegati li jiġu minn barra din il-lokalita' li jridu jibdlu l-post tal-vettura tagħhom kull sagħtejn
- l-problema li ser jiffaċċjaw il-familjari li jiġu minn barra din il-lokalita' biex iżuru lil qrabathom partikularment l-anzjani.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li wara li jsiru *surveys* fejn fost affarijiet oħra jiġu identifikati in-numru ta' garrixxijiet f'din il-lokalita', in-numru ta' *reserved parking* u *loading/unloading bays* eċċ din is-sistema tista' tiġi implimentata bejn 50% u 70% iżda l-akbar problema ser tkun għax-xerrejja. Huwa kompla jgħid, li liġi trid tiġi ppubblikata fil-gazzetta tal-Gvern biex din isseħħ. Għalhekk, kien qed jissuġġerixxi li niktbu dwar it-tajjeb u l-ħażin ta' din is-sistema fil-*magazine* tal-Kunsill biex b'hekk nirċievu *feedback* mir-residenti.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu jħoss li din ser tkun ostili lejn sens ta' Komunita' u hemm ħafna resistenza għaliha u ser tikreja oppożizzjoni kbira.

Huwa kompla jgħid, li kien jaqbel ma' dak li qal il-Kunsillier Joe Camilleri dwar il-*feedback* mir-residenti u l-Kunsill għandu jieħu l-inizjattiva biex jikteb lill-entitajiet kummerċjali kollha fil-Gżira nkluż il-Lukandi sabiex isibu l-aħjar mezz ta' kif jitnaqqas l-influss tat-traffiku inġenerat mill-impjegati tagħhom li jiġu minn lokalitajiet oħra biex jew joħolqu sistema ta' *car pooling* jew jiġi provdut servizz ta' *mini bus* għax l-*objective* huwa ta kif ser jitnaqqas l-*inflow* tat-traffic fil-Gżira.

Iċ-*Chairman* qal, li fl-opinjoni tiegħu, l-Kunsill għandu jimplimenta s-suġġeriment li għamel il-Kunsillier ta' Joe Camilleri kif ukoll, jindirizza l-inizjattiva li ppropona l-Viċi-Sindku. Għalhekk, ppropona li jinħatar Kumitat għalkemm jekk dan jiddeċiedi li jagħmel *survey* irid iqabbad persuni professjonali u fl-opinjoni tiegħu, l-Perit Audrey Testaferrata de Noto hi waħda mill-persuni addattata għal dan is-*survey*.

## 7. Affarijiet Oħra

**7.1.** Il-Viċi-Sindku ssuġġerixxa li ssir *diary note* li kull sitt xhur issir il-manutenzjoni kemm fuq il-bandli u l-apparat li hemm fil-Ġnien kif ukoll, *central strips* u affarijiet simili.

**7.2.** Il-Kunsill ġie nfurmat, li s-Sur Antoine Portelli kien ser jibda x-xogħol fi żmien ġimgħa.

**7.3.** Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li kien qed jirċievi diversi lmenti mis-sajjieda minħabba l-fatt, li ħafna mill-gradi tal-ħadid li ġew installati fix-Xatt tal-Gżira man-naħa tal-baħar, ma jinfetħux u dawn qed isibuha diffiċli biex jitilgħu u jinżlu bl-inġenji tagħhom. Huwa kompla jgħid, li l-Għaqda tas-Sajjieda kitbet lill-M.E.P.A.

Iċ-*Chairman* qal, li dawk li ma jinfetħux saru peress li kien irċieva lmenti minn ġenituri minħabba t-tfal iżda, gradi miftuħin ser ikun hemm u dan ix-xogħol kien qed isir abażi ta' rakkomandazzjoni ta' wieħed mis-sajjieda.

## 8. Laqgħa Oħra

**8.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-7.15 p.m. u ġiet aġġornata għall-25 t'Awwissu 2009.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D. | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M. |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Gżira Local Council

**Ref No: K227/119/09**

**30 July 2009 KLG5/32**

**These request sheets were approved during Council's meeting which was held on the 4 August 2009 as on the 30 July 2009 there was no Quorum**

| R/Sheet No: | Description | Value € | Chq No: |
|---|---|---|---|
| 1268 | Sundew Enterprises Ltd – invoice 013 Water & Elect. 01.10.08 – 30.04 09 – 283/1 Rue D'Argens. | 1,509.56 | 6109 |
| 1269 | Best Wishes stationery P.Library - Act. Centre – Admin office | 84.61 | 6110 |
| 1270 | S. Rausi Trading Ltd invoice 21062678 Drinking water | 38.96 | 6168 |
| 1271 | Għaqda Mużikali Mount Carmel see letter dtd 23.06.09 attivita' 28.06.09 Lejla Gżirjana | 350.00 | 6062 |
| 1272 | David Grasso Summer Music Nights 01.07.09 – 15.07.09 – 22.07.09 | 279.52 | 6111 |
| 1273 | Victor Tedesco Armar ta' dawl fi Pjazza Meme' Scicluna – Milied | 815.00 | 6112 |
| 1274 | G4 Security Services (Malta) Ltd inv. 031363 – 4 Trips CIT May 2009 | 30.26 | 6113 |
| 1275 | G4 Security Services (Malta) Ltd inv. 031622 – 4 Trips CIT June 2009 | 30.26 | 6114 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1276 | Bitmac (Works) Ltd – 30 bags Tarmac Patching D/Note 62102 | 115.50 | 6041 |
| 1277 | S. Rausi Trading Ltd – invoice 21061853 Drinking Water | 38.96 | 6169 |
| 1278 | C.S.D. Office Trade invoice 25781 stationery for Comp. April 2009 | 56.86 | 6115 |
| 1279 | C.S.D. Office Trade invoice 26904 Stationery D.V.D. | 25.96 | 6116 |
| 1280 | C.S.D. Office Trade invoice 26847 Less Credit Note No: 26903 | 56.86 | 6117 |
| 1281 | Longbow Ltd – invoice 74111 – refuse bags for litter bins The Strand | 75.52 | 6118 |
| 1282 | Ms Nathalie Camilleri Librarian Serv. May and June 2009 | 223.60 | 6119 |
| 1283 | Squire Bookshop invoice 00174 n/papers June 2009 | 35.20 | 6120 |
| 1284 | D.O.I. advert Gov. Gazz. Tender Glc01.09 Patching & Kerb re-inst. | 9.32 | 6064 |
| 1285 | Media Link Comm. Confirmation order No: 24743 advert tender Glc01/09 | 68.44 | 6121 |
| 1286 | Allied Newspapers inv.ASI342954 Tender Glc01/09 Patching & Kerb | 86.14 | 6122 |
| 1287 | Sound Vision Print Ltd. Invoice 12424 Advert Kullħadd Glc01/2009 | 88.03 | 6123 |
| 1288 | Environmental L/Scapes Cons. inv.005316 maint June09 S. Areas | 2,212.92 | 6124 |
| 1289 | Melita p.l.c. inv.27111065 period 01.07.09-31.07.09 TV medium A/Ctr | 7.76 | 6125 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1290** | **Melita p.l.c. inv.267113171 period 01.07.09-31.08.09** | **23.30** | **6126** |
| **1291** | **Melita p.l.c. inv.27205394 Hello Serv 08.07.09-07.08.09 + Calls** | **170.64** | **6127** |
| **1292** | **M.I.T.A. inv.SIN021851 Maint & Support Connectivity July to Sept. 2009** | **477.58** | **6128** |
| **1293** | **F.Cordina & Sons Ltd inv. 0101630 – 4 flat bars + 22 hallow rods** | **199.75** | **6100** |
| **1294** | **Alfa Co. Ltd. Inv.54489 copier + rentals period 13.05.09 – 12.06.09** | **117.95** | **6129** |
| **1295** | **Mr. Steve R.Farrugia invoice 102 Street Sweeping grass/cutting mech.Sweeper June 2009** | **4,665.72** | **6130** |
| **1296** | **Mr. Steve R.Farrugia invoice 98 Sunday Street Sweeping June 2009** | **378.52** | **6131** |
| **1297** | **J.F.Mallia Ltd inv. 187 Monument & The Strand** | **548.77** | **6166** |
| **1298** | **J.F. Mallia Ltd. Inv.190 Belvedere downgrade** | **106.00** | **6165** |
| **1299** | **J.F.Mallia Ltd. Inv.193 Street Light June 09 CO36 job.64 – W149 job 68 W182 job No: 71** | **118.00** | **6164** |
| **1300** | **J.F.Mallia Ltd. Inv.203 Floodlight Knisja** | **45.01** | **6163** |
| **1301** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali inv. 11367 job No: 7937 Traffic Signs** | **314.45** | **6152** |
| **1302** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali inv. 11379 Job No: 8903 R/Markings** | **308.33** | **6153** |
| **1303** | **Koperattiva Tabelli u Sinjali inv. 11380 Job No: 8904 R/Markings** | **324.02** | **6154** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1304 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv. 11393 Job No: 8642 R/Markings | 321.55 | 6155 |
| 1305 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv 11394 Job No: 8643 R/Markings | 724.41 | 6156 |
| 1306 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv. 11418 Job No: 8882 R/Markings | 606.21 | 6157 |
| 1307 | Koperattiva Tabelli u Sinjali inv. 11420 Job No: 8884 R/Markings | 23.76 | 6158 |
| 1308 | Greenlines Env. Ser. Ltd. Inv. 15837 Hire&Cleaning of 2 Toilets March 09 | 365.80 | 6132 |
| 1309 | Greenlines Env.Serv.Ltd Inv. 16075 Hire&Cleaning of 2 Toilets April 09 | 354.00 | 6133 |
| 1310 | Greenlines Env. Serv.Ltd. inv.16311 Hire&Cleaning of 2 Toilets May 09 | 365.80 | 6134 |
| 1311 | Greenlines Env. Serv. Ltd inv.16559 Hire&Cleaning of 2 Toilets June 09 | 200.60 | 6135 |
| 1312 | Stardelta Hardware Store inv. 4941461-464-471-473-478-480-484 | 155.88 | 6136 |
| 1313 | GO plc inv.22200415 tel: 334254/341034 rent July 2009 Calls June 2009 | 64.27 | 6101 |
| 1314 | GO plc inv.22200425 tel: 21341616 Calls June 09 rent July 09 | 23.16 | 6102 |
| 1315 | GO plc inv.2221176 tel: 21322157 Calls June 09 Rent July 2009 | 198.85 | 6103 |
| 1316 | Borg Hardware Store invoice Nos: 914 – 915 – 946 | 123.59 | 6137 |
| 1317 | The Toolbox invoice Nos: 8841-54 69-77-91-8912-16-17 | 246.02 | 6138 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1318 | Joe Bugeja & Associates R.F.P. No: Architectural Works January 2009 | 1,058.52 | 6269 |
| 1319 | Joe Bugeja & Associates R.F.P. No: Architectural Works February 2009 | 797.33 | 6270 |
| 1320 | Joe Bugeja & Associates R.F.P. No: Architectural Works March 2009 | 226.83 | 6268 |
| 1321 | Joe Bugeja & Associates R.F.P. No: Architectural Works April 2009 | 618.62 | 6267 |
| 1322 | Clentec Cleaning Serv. Ltd. Invoice 63 globes + 2 gazebos | 425.39 | 6139 |
| 1323 | Mr. Joe Borg invoice No: 03 Spejjeż papri July 2009 | 46.59 | 6140 |
| 1324 | Koperattiva tabelli u sinjali invoice 11340 job No: 8715 Road markings | 167.09 | 6159 |
| 1325 | Koperattiva tabelli u sinjali invoice 11341 job no: 8714 road markings | 292.88 | 6160 |
| 1326 | Koperattiva tabelli u sinjali invoice 11346 job No: 8709 Road Markings | 365.07 | 6161 |
| 1327 | Koperattiva tabelli u sinjali invoice 11351 Job No: 8704 Road Markings | 154.87 | 6162 |
| 1328 | Makaw ironmongery invoice A16620 Cement u żebgħa għall-lamp posts/ġnien | 395.76 | 6141 |
| 1329 | Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397686 Door to Door collection July 2009 | 5,590.50 | 6142 |
| 1330 | Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397687 Hire of Skips July 2009 | 432.87 | 6143 |
| 1331 | Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397688 Bulky service June 2009 – 181 Calls. | 990.80 | 6144 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1332** | **Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397689<br>ġbir tal-karti tal-festa 12.07.09** | **93.17** | **6145** |
| **1333** | **Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397690<br>Public Convenience 08.06.09 – 30.06.09** | **640.98** | **6146** |
| **1334** | **Mr. Emanuel Mifsud – invoice 2397691<br>Public convenience July 2009** | **836.06** | **6147** |